MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 189/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)
Vs
Anthony Bugeja

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) f'San Pawl il-Bahar fis-16 ta' Marzu 2002 ghal xi 14.30 hrs ma tax access lil martu Julia Bugeja ghat-tifel taghhom Scott skond digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili mahrug fil-31 ta' Dicembru 2001 li jgib in-numru 2761/99;
2) ukoll talli fl-istess data ghall-habta ta' 20.30 hrs waqt li kont gewwa l-Empire Cinema Complex, Triq il-Korp tal-pijunieri, San Pawl il-Bahar hebb kontra l-istess martu

Julie Bugeja u kkagunalha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. S. Saliba mill-Mosta Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 t'Ottubru, 2002 li biha wara li rat l-Artikolu 338(II) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal amenda ta' ghoxrin lira Maltin kif ukoll sabitu hati tat-tieni akkuza w kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-9 t' Awissu, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni jew sussidjarjament, tnaqqas il-piena moghtija.

Semghet lix-xhud Julie Bugeja fis-seduta tal-lum fejn xedhet illi l-incidenti in mertu graw fil-15 ta' Marzu, 2002 u mhux fis-16 ta' Marzu, 2002 u f'hin differenti minn dak indikat fil-komparixxi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li bih l-Ufficjal Prosekutur aderixxa ghat-talba kontenuta fir-rikors tal-appell;

Ikkunsidrat :

Illi dan l-izball fid-data w l-hin fil-komparixxi li baqa' ma giex korrett quddiem l-Ewwel Qorti, kif seta' facilment isir kemm fuq talba tal-Prosekuzzjoni jew tal-parte civili, jew addirittura anki mill-istess Qorti, jidher illi l-imputat qatt ma setgha jinsab hati tal-akkuza kif dedotta fil-komparixxi ghax din tirreferi ghal gurnata w hin mhux kif fil-fatt sehh;
Ghaldaqstant il-Qorti tilqa l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur

30.01.2003

--------------------------------TMIEM--------------------------------